**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 11 ta' Ottubru 2001**

**Rikors Nru: 155/00B**

**Vincent Curmi bhala prokuratur ta' Corinne Ramsay**

**Vs**

**Joseph u Theresa konjugi Abela**

Il-Bord,

Ra r-rikors:

Illi r-rikorrent jikri lill-intimati l-appartament bin-numru 5, 173, Triq ir-Repubblika, Valletta u dan bil-kera ta' tlieta u ghoxrin Lira Maltin u tletin centezmu fis-sens li tithallas kull tlett xhur bil-quddiem;

Illi l-intimati m' ghadhomx jaghmlu uzu mill-fond fuq imsemmi u qeghdin jghixu x' imkien ieghor u ghaldaqstant huma qeghhdin jaghmlu uzu mill-fond ghal skop differienti minn dak li ghalih ir-rikorrenti frewlhom il-fond;

Illi a tenur ta' l-artikolu 9 (a) ta' l-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 69), r-rikorrent ghandu id-dritt illi jitlob x-xoljiment tal-kera;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu:

1. jawtorizza lir-rikorrent jirriprendi l-pussess tal-fond bin-numru 5, 173, Triq ir-Repubblika, Valletta a tenur ta' l-artikolu 9 (a) ta' l-Ordinanza li Tirregola it-Tigdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 69);

2. Jipprefiggi lill-intimati terminu qasir u perentorju biex jizgombraw mill-istess fond.

B' l-ispejjez.

Ra r-risposta:

Illi huma jaqblu mal-ewwel premessa tar-rikors promotur.

Illi mhux minnu li l-inkwilini ma ghadhomx jaghmlu uzu mill-fond skond id-destinazzjoni originali tieghu.  Di piu' huma ghadhom jonoraw il-kundizzjonijiet kollha tal-kera kemm fuq il-ftehim originali kif ukoll fuq dak li tistabilixxi il-ligi tal-kera u.

Illi fuq dak kollu premess ma hemmx raguni valida ghaliex il-Bord ghandu jilqa' it-talbiet tar-rikorrent ghar-ripresa tal-fond taht artikolu 9(a) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in oltre il-fond huwa rekwizizzjonat mill-Gvern ta' Malta bin-numru RO 23273 u ghaldqstant ir-rikorrent ma jista' qatt jitlob ir-ripresa tal-pussess fond peress illi is-sid huwa spussessat bl-istess ordni ta' rekwizizzjoni f' idejn il-Gvern ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu.

Jilqa' t-talba ghs-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u jiddifferixxi l-kawza sine die riappuntabbli b' rikors fi zmien xahar minn meta il-proceduri quddiem il-Qrati jghaddu resjudicata.

L-ispejjez tar-rikors u tar-risposta jithallsu mir-rikorrent nomine.

Dep/Reg Magistrat